

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2020 – CA Consumer Finance vs BĊE(Kawża T-578/18) ⁽¹⁾

(Politika ekonomika u monetarja – Sorveljanza prudenzjali tal-istabbilimenti ta' kreditu – Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 – Sanzjoni pekunjarja amministrattiva imposta mill-BĊE fuq stabbiliment ta' kreditu – L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 – Ksur kontinwu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji – Ksur minħabba negliġenza – Drittijiet tad-difiża – Ammont tas-sanzjoni – Obbligu ta' motivazzjoni)

(2020/C 329/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: CA Consumer Finance (Massy, Franza) (rappreżentanti: A. Champsaur u A. Delors, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: C. Hernández Sasetta, A. Pizzolla u D. Segoin, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ECB/SSM/2018-FRCAG-77 tal-BĊE tas-16 ta' Lulju 2018 meħuda abbażi tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-supervizzjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63), u li timponi fuq ir-rikorrenti sanzjoni pekunjarja amministrattiva ta' ammont ta' EUR 200 000 għal ksur kontinwu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji previsti fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1, rettifikasi JO 2013, L 208, p. 68, u JO 2013, L 321, p. 6).

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni ECB/SSM/2018-FRCAG-77 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) tas-16 ta' Lulju 2018 hija annullata sa fejn timponi fuq CA Consumer Finance sanzjoni pekunjarja amministrattiva fl-ammont ta' EUR 200 000.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) CA Consumer Finance hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha.
- 4) Il-BĊE huwa kkundannat ibati i-ispejjeż tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 436, 3.12.2018

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2020 – Dinamo vs EUIPO (Favorit)(Kawża T-729/19) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Favorit – Raġuni assoluta għal rifjut – Assenza ta' karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2020/C 329/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Dinamo GmbH (Basel, l-Isvizzera) (rappreżentant: C. Weil, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Söder, aġent)

Suġġett

Rikors imressaq kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Settembru 2019 (Każ R 985/2019-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali Favorit bħal trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Dinamo GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 423, 16.12.2019.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2020 – Tartu Agro vs Il-Kummissjoni (Kawża T-150/20 R)

(“Miżuri provviżorji – Għajjnuna mill-Istat – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza”)

(2020/C 329/33)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

Partijiet

Rikorrenti: Tartu Agro AS (Tartu, l-Estonja) (rappreżentanti: T. Järviste, T. Kaurov, M. Valberg u M. Peetsalu, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Bottka u E. Randvere, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 252 final tal-24 ta' Jannar 2020, dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.39182 (2017/C) (ex 2017/NN) (ex 2014/CP) mogħtija mir-Repubblika tal-Estonja lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) Id-digriet tat-30 ta' Marzu 2020, Tartu Agro vs Il-Kummissjoni (T-150/20 R), huwa rrevokat.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Lulju 2020 – ZU vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-462/20)

(2020/C 329/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: ZU (rappreżentant: C. Bernard-Glanz, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea